MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Rikors Numru. 598/2004

**VIVIAN CORPORATION LTD. gia VIVIAN COMMERCIAL CORPORATION LTD.**

**vs**

**MODERN PLASTIC CONTAINERS LTD.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors;

Illi s-soċjeta' attriċi ġiet kanonizzata kreditriċi ta' dik konvenuta b'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ta' l-4 ta' Mejju 1998 li kopja tagħha qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata 'Dok. A', fis-somma ta' għaxart elef sitt mija u tlieta u tletin Liri Maltin u sitt ċenteżmi (Lm10,633.06), kwantu għal għaxart elef erba' mija u wieħed u sebgħin Liri Maltin u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm10.471.46) dovuti bħala bilanċ ta' prezz ta' merċi, u cioe' "plastic raw materials" lilha mibjugħa u konsenjati, u kwantu għal mija

u wieħed u sittin Liri Maltin u sittin ċenteżmu (Lm161.60) dovuti bħala interessi kkomputati skond il-prospett hawn anness u mmarkat bħala ‘Dok.B’ fuq il-fattura numru 143037 hawn annessa u mmarkata bħala ‘Dok. C’, liema dokumenti kienu ġew eżebiti maċ-ċitazzjoni fl-ismijiet premessi; oltre l-imgħax legali mid-data ta’ l-4 ta’ Lulju 1996 sa l-effettiv pagament, kif ukoll l-ispejjeż legali ammontanti għal ħames mija u ħamsa u disgħin Liri Maltin u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm595.25), skond it-taxxa hawn annessa u mmarkata ‘Dok. D’, oltre tmienja u ħamsin Liri Maltin u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm58.32) VAT fuq id-drittijiet.

Illi għaddew aktar minn ħames snin minn meta t-titolu eżekuttiv seta’ jiġi eżegwit.

Illi minn dan id-debitu għadu dovut mis-soċjeta’ konvenuta il-bilanċ ta’ erbat elef u sitt mitt Lira Maltin u tnejn u tmenin ċenteżmu (Lm4,600.82) oltre l-imgħaxijiet u l-ispejjeż.

Għaldaqstant, is-soċjeta’ rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti li jiġu ravvivati d-drittijiet tagħha kontra s-soċjeta’ konvenuta u b’hekk l-istess kreditu jerġa’ jsir titolu eżekuttiv skond il-Liġi u jkun jista’ jiġi eżegwit kontra s-soċjeta’ debitriċi, salv kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti.

Rat li l-intimat notifikat ma ppreżentax risposta u lanqas deher għar-rikors;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u li ma tħallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa’ t-talbiet tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat/i.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------